KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ppreżentati fil-25 ta' Ottubru 2016 [1]

Kawża C-641/15

Verwertungsgesellschaft Rundfunk GmbH
vs
Hettegger Hotel Edelweiss GmbH

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Handelsgericht Wien (qorti kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà intellettwali — Direttiva 2006/115/KE — Artikolu 9(3) — Dritt esklużiv tal-organizzazzjonijiet tax-xandir — Komunikazzjoni lill-pubbliku — Postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul — Settijiet tat-televiżjoni installati fil-kmamar ta' lukanda"

Introduzzjoni

1. Id-domanda preliminari f'din il-kawża tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali [2]. Din id-dispożizzjoni tagħti lill-organizzazzjonijiet tax-xandir dritt esklużiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu, b'mod partikolari, il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul.

2. Anki jekk l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ma tidhirx li tqajjem problemi serji, il-kunċett ta' post aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul ma huwiex daqstant ċar. Il-kwistjoni hawnhekk hija jekk kamra f'lukanda tistax tiġi kklassifikata bħala tali post. Ir-risposta għal din id-domanda tirrikjedi analiżi iktar speċifika tal-ġenesi u tal-għan tad-dritt esklużiv stabbilit mid-dispożizzjoni ċċitata, u mhux biss l-interpretazzjoni letterali tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

3. Skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklussiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk din il-komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul".

1 — Lingwa oriġinali: il-Pollakk

2 — ĠU 2006, L 376, p. 28.

4. Din id-dispożizzjoni ġiet trasposta fid-dritt Awstrijak fl-Artikolu 76a tal-Urhebergesetz (liġi dwar id-dritt tal-awtur), li l-kliem tiegħu huwa essenzjalment identiku għal dak tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tad-Direttiva 2006/115.

Il-fatti, l-iżvolġiment tal-proċedura u d-domandi preliminari

5. Hettegger Hotel Edelweiss GmbH (iktar 'il quddiem il-"kumpannija Hettegger Hotel Edelweiss"), konvenuta fil-kawża prinċipali, hija kumpannija stabbilita taħt id-dritt Awstrijak. Hija topera b'mod partikolari lukanda fil-lokalità ta' Grossarl (l-Awstrija). Il-kmamar ta' din il-lukanda huma mgħammra b'settijiet tat-televiżjoni li jirċievu, permezz ta' antenna komuni tal-lukanda, programmi ta' organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv differenti.

6. Verwertungsgesellschaft Rundfunk hija kumpannija kollettiva ta' ġestjoni ta' drittijiet ta' awtur u ta' drittijiet relatati. Hija tiġġestixxi b'mod partikolari d-drittijiet ta' diversi organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv nazzjonali u barranin, fosthom dawk li x-xandiriet tagħhom jistgħu jiġu riċevuti fil-kmamar tal-lukanda tal-kumpannija Hettegger Hotel Edelweiss.

7. Verwertungsgesellschaft Rundfunk tikkunsidra li, billi tippermetti li jiġi riċevut sinjal tat-televiżjoni fil-kmamar tal-lukanda li hija tiġġestixxi, il-kumpannija Hetteger Hotel Edelweiss tikkomunika f'post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul – fis-sens tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 – ix-xandiriet ta' organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv li tagħhom din il-kumpannija ta' ġestjoni kollettiva tirrappreżenta l-interessi. Fl-opinjoni tagħha, l-attività tal-kumpannija Hetteger Hotel Edelweiss li tikkonsisti fit-tgħammir tal-kmamar ta' lukanda b'settijiet tat-televiżjoni u l-forniment ta' sinjal tat-televiżjoni fihom hija għalhekk suġġetta għad-dritt esklużiv tal-organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv. Din il-kumpannija għalhekk għandha tħallas il-pagament dovut inkambju għall-awtorizzazzjoni ta' din l-attività.

8. Għalhekk, Verwertungsgesellschaft Rundfunk ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra l-kumpannija Hetteger Hotel Edelweiss sabiex din tiġi ordnata tagħti informazzjoni dwar in-numru ta' kmamar li fiha l-lukanda li hija tiġġestixxi u dwar l-istazzjonijiet ta' televiżjoni li jistgħu jiġu riċevuti fihom, kif ukoll għall-ħlas tad-danni minħabba t-trażmissjoni tax-xandiriet tagħhom sa dakinhar.

9. Il-kumpannija Hetteger Hotel Edelweiss tikkontesta l-fondatezza ta' din it-talba, billi ssostni b'mod partikolari li l-kmamar tal-lukanda ma humiex postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul skont id-dispożizzjonijiet li jittrasponu l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115, b'tali mod li l-fatt li fihom jixxandru x-xandiriet ta' organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv ma huwiex suġġett għad-dritt esklużiv previst f'dawn id-dispożizzjonijiet.

10. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Handelsgericht Wien (qorti kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-kriterju tal-'ħlas ta' miżata għad-dħul', li jinsab fl-Artikolu 8(3) tad-[Direttiva 2006/115] huwa ssodisfatt meta:

— settijiet tat-televiżjoni huma disponibbli fid-diversi kmamar ta' lukanda u l-operatur tal-lukanda jipprovdi aċċess għas-sinjal ta' diversi programmi tat-televiżjoni u tar-radju permezz ta' dawn is-settijiet ('televiżjoni fil-kamra ta' lukanda'), u li

— l-operatur tal-lukanda jitlob, għall-użu tal-kamra (b'televiżjoni fil-kamra ta' lukanda') ħlas għall-kamra għal kull lejl ('prezz tal-kamra') li jinkludi wkoll l-użu tas-sett tat-televiżjoni u ta' programmi tat-televiżjoni u tar-radju li għalihom jipprovdi aċċess?"

11. Id-deċiżjoni tar-rinviju waslet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Diċembru 2015. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma torganizzax seduta għas-sottomissjonijiet orali.

Analiżi

12. Permezz tad-domanda preliminari li tagħmel f'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tfittex sabiex tistabbilixxi jekk l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 għandux jiġi interpretat b'tali mod li l-fatt li jiġu installati settijiet tat-televiżjoni fi kmamar ta' lukanda u li permezz tagħhom jiġi trażmess sinjal tat-televiżjoni jew tar-radju jikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xandiriet ta' organizzazzjonijiet tax-xandir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku bi ħlas ta' miżata għad-dħul fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u, għalhekk, jekk huwiex suġġett għad-dritt esklużiv li minnu jibbenefikaw dawn l-organizzazzjonijiet bis-saħħa tad-dispożizzjoni ċċitata.

Il-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku

13. Fir-rigward tal-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-installazzjoni ta' settijiet tat-televiżjoni fi kmamar ta' lukanda u d-distribuzzjoni permezz tagħhom ta' sinjal tat-televiżjoni jikkostitwixxi att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni [3], fir-rigward tad-dritt tal-awturi fuq ix-xogħlijiet tagħhom [4], kif ukoll skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115, fir-rigward tad-dritt tal-artisti u tal-produtturi ta' fonogrammi għal kumpens ġust [5].

14. Kif ġustament tirrileva l-konvenuta fil-kawża prinċipali fl-osservazzjonijiet f'din il-kawża, l-għan u l-portata tal-protezzjoni prevista mid-dispożizzjonijiet inkwistjoni fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq huma differenti minn dawk tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 fil-fatt jikkonċerna d-dritt wiesa' ħafna tal-awturi li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom fi kwalunkwe forma u b'kwalunkwe mezz. Minn naħa tiegħu, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115 ikopri biss id-dritt tal-produtturi ta' fonogrammi [6] u ta' artisti għal ħlas wieħed minħabba l-użu ta' fonogramma ppubblikata sabiex tkun ikkomunikata lill-pubbliku.

15. Minn naħa l-oħra, ix-xandiriet tar-radju u tat-televiżjoni huma suġġett ta' protezzjoni kemxejn partikolari fir-rigward tad-dritt tal-komunikazzjoni lill-pubbliku. L-eżistenza ta' xandira hija fil-fatt suġġetta għall-fatt li tixxandar u, għalhekk, għal forma ta' komunikazzjoni lill-pubbliku [7]. Għalhekk, kuntrarjament għall-każ ta' xogħlijiet, jew l-eżekuzzjoni tagħhom jew ir-reġistrazzjoni tagħhom [8], il-komunikazzjoni lill-pubbliku ma tikkostitwixxix biss waħda mill-forom tal-użu tax-xandir, iżda hija wkoll element inerenti tas-suġġett stess ta' protezzjoni.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

4 — Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 47 u l-punt 1 tad-dispożittiv).

5 — Sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141, punt 41 u l-punt 1 tad-dispożittiv).

6 — Dawn huma reġistrazzjonijiet ta' eżekuzzjoni ta' xogħlijiet mużikali, bil-kliem jew mingħajr kliem.

7 — It-terminu Pollakk "program", użat fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115, ma jirriflettix kompletament din il-karatteristika partikolari, iżda t-terminoloġija tal-verżjonijiet bl-Ingliż (*broadcast*), bil-Franċiż (*émission*) u bil-Ġermaniż (*Sendung*) ma jħallu l-ebda dubju dwar il-fatt li l-protezzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni tkopri l-kontenut trażmess mill-organizzazzjonijiet tax-xandir.

8 — Inkluż reġistrazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni li jaqgħu taħt il-protezzjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni lill-pubbliku skont l-Artikolu 3(2)(d) tad-Direttiva.

16. Madankollu ma naħsibx li din in-natura partikolari ta' xandiriet tar-radju u tat-televiżjoni, bħala suġġett ta' protezzjoni, tiġġustifika interpretazzjoni tal-kunċett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fil-kuntest tat-trażmissjoni ta' sinjal lis-settijiet tat-televiżjoni installati fi kmamar ta' lukanda differenti minn dik mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi ċċitati [9]. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, jiena għalhekk nikkunsidra li l-forniment ta' sinjal tat-televiżjoni jew tar-radju permezz ta' settijiet tat-televiżjoni installati fi kmamar ta' lukanda għandu jiġi kkunsidrat bħala komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xandiriet ta' organizzazzjonijiet tax-xandir fis-sens tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115.

17. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni illimita d-dritt esklużiv tal-organizzazzjonijiet ta' xandir għall-każijiet ta' komunikazzjoni lill-pubbliku f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku *fuq ħlas ta' miżata għad-dħul*. Għalhekk għad irid jiġi evalwat jekk il-kmamar ta' lukanda jikkostitwixxux post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Il-kunċett ta' post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul

18. Fil-kawża prinċipali, ir-rikorrenti ssostni li, hekk kif il-kmamar ta' lukanda ġeneralment ma humiex aċċessibbli ħlief għall-klijenti tal-lukanda, jiġifieri l-persuni li ħallsu jew li huma obbligati li jħallsu għall-akkomodazzjoni, u li l-possibbiltà li ngħatatilhom li jaraw ix-xandiriet tat-televiżjoni permezz ta' settijiet installati fil-kmamar huwa element essenzjali tas-servizz ipprovdut mil-lukanda, li jaffettwa l-prezz tas-servizz, il-kmamar ta' lukanda għandhom jiġu kkunsidrati bħala post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115.

19. Il-kliem tad-dispożizzjoni ċċitata jista' effettivament jissuġġerixxi li tista' tinftiehem fis-sens indikat hawn fuq. Fil-fatt, jekk l-espressjoni ta' "post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul" fiha nnifisha tiġi kkunsidrata indipendentement mill-ġenesi, mill-għan u mir-rwol tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 fis-sistema tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, kamra f'lukanda tista' tiġi kkunsidrata bħala tali post.

20. Bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali, bħall-Gvern Pollakk u bħall-Kummissjoni, jiena xorta nikkunsidra li tali interpretazzjoni ma hijiex konformi la mal-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni waqt l-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, u lanqas mar-rwol li għandha tingħata fiċ-ċirkustanzi tekniċi u tas-suq attwali.

L-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 fir-rigward tal-ġenesi tagħha

21. Id-Direttiva 2006/115 hija l-verżjoni kkodifikata tad-Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE, tad-19 ta' Novembru 1992, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali [10]. L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 92/100 jikkorrispondi għall-Artikolu 8(3) attwali tad-Direttiva 2006/115.

22. Din id-dispożizzjoni ġiet redatta fuq il-mudell tal-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-artisti, tal-produtturi tal-fonogrammi u tal-organizzazzjonijiet tax-xandir, iffirmata f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ruma"). Dan jikkonfermawh b'mod partikolari l-motivi tal-abbozz emendat tad-Direttiva 92/100, li jipprovdi, f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjoni inkwistjoni [fl-abbozz indikat bħala Artikolu 6a(3)]: il-"paragrafu 3, li huwa mmudellat

9 — Din il-konklużjoni lanqas hija kkontestata bis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, SCF (C-135/10, EU:C:2012:140), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-distribuzzjoni ta' fonogrammi fi klinika dentali ma tikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115. Din is-sentenza ngħatat fl-istess jum u mill-istess qorti bħas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tal-15 ta' Marzu 2012, Phonographic Performance (Ireland) (C-162/10, EU:C:2012:141). L-evalwazzjoni differenti tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn iż-żewġ każijiet għalhekk turi b'mod espress li l-kmamar ta' lukanda huma każ differenti minn dak ta' klinika dentali.

10 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120.

fuq l-Artikolu 13 […] [(d)] tal-Konvenzjoni ta' Ruma, jistipula […] dritt esklużiv ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xandir bit-televiżjoni *skont il-kundizzjonijiet diġà msemmija fil-Konvenzjoni ta' Ruma*" [11]. Din il-ġenesi tal-imsemmija dispożizzjoni ġiet ukoll enfasizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja, li rrilevat li "il-portata tad-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku hija mfassla fuq dik li hija prevista fl-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, li tillimitaha għall-postijiet aċċessibbli għall-pubbliku billi titħallas tariffa tad-dħul" [12]. Waqt ix-xogħlijiet fuq id-Direttiva 92/100, ma ġiet adotta l-ebda proposta intiża sabiex testendi, lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fil-Konvenzjoni ta' Ruma, il-protezzjoni tad-dritt tal-organizzazzjonijiet tax-xandir li jipprojbixxu jew jawtorizzaw il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom [13].

23. Il-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet għalhekk li jagħti lid-dritt tal-organizzazzjonijiet tax-xandir li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom l-istess portata bħal dik tad-dritt li jipproteġi l-Konvenzjoni ta' Ruma. Dan il-kunċett ta' post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul jitlob għalhekk interpretazzjoni konformi għal dik ta' dan l-istess kunċett abbażi tal-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

24. Il-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet f'din il-kawża, inkluż ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jaqblu dwar il-fatt li l-kunċett ta' post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma, ifisser, jew fi kwalunkwe każ, kien ifisser fiż-żmien tal-adozzjoni tal-Konvenzjoni, post li fih il-ġbir tal-miżata tad-dħul hija direttament marbuta mal-possibbiltà li tara xandira tat-televiżjoni li fih tkun ikkomunikata lill-pubbliku [14]. Il-ħtieġa li jiġi stabbilit dritt bħal dak previst fl-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma hija spjegata minn prattika li nfirxet b'mod universali fil-bidu tal-iżvilupp tat-televiżjoni, jiġifieri dik li jiġi organizzat xandir pubbliku ta' xandiriet tat-televiżjoni, li jirrikjedu ħlas għad-dħul. Dan kien jippermetti li l-organizzazzjoni ta' dawn l-ispettakoli ma ssirx jekk dawn ma kinux jissodisfaw l-interessi tal-organizzazzjonijiet tax-xandir jew tal-organizzaturi tal-attività li tintwera fuq it-televiżjoni. Madankollu, il-kunċett ta' "ħlas ta' miżata għad-dħul" ma għandux jinftiehem letteralment. Kif japplika għal tipi oħra ta' divertiment, bħaċ-ċinema jew it-teatru, id-dħul fis-sala jew fil-post tal-ispettakolu jsir wara li tintwera l-prova tal-ħlas, pereżempju biljett. Madankollu, il-prezz tal-biljett ma huwiex il-ħlas ta' "miżata għad-dħul" fis-sala, iżda l-korrispettiv għall-possibbiltà li tara spettakolu.

25. Għall-kuntrarju, jekk il-ħlas ma huwiex direttament marbut mal-possibbiltà li tara xandira televiżiva, iżda ma' servizzi oħra, bħal pereżempju, tal-ikel, is-sitwazzjoni ma taqax taħt il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul" fis-sens tal-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Tali interpretazzjoni hija kkonfermata minn awturi rrikonoxxuti fid-duttrina [15].

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif għandu jiġi analizzat fil-konfront tal-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma servizz li huwa komunikazzjoni ta' sinjal tat-televiżjoni permezz ta' settijiet tat-televiżjoni installati fi kmamar ta' lukanda? Qabel xejn, jiena ma naqbilx mal-argument sostnut mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali li kamra ta' lukanda hija post aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, minħabba l-fatt li l-kmamar huma biss aċċessibbli jekk isir ħlas għalihom. Fil-fatt, kif indikajt hawn fuq, l-intenzjoni tal-awturi tal-Konvenzjoni ta' Ruma kienet li l-kunċett ta' ħlas ta' "miżata għad-dħul" fir-realtà ma jkoprix il-fatt stess li tidħol fiżikament f'post

11 — COM/92/159 finali, p. 14. Enfasi miżjud minni.

12 — Sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, (C-114/12, EU:C:2014:2151, punt 96).

13 — Ara von Lewinski, S., f'M. M. Walter, S. von Lewinski (ed.), *European Copyright Law. A Commentary*, Oxford University Press 2010, p. 327.

14 — Kemm l-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma kif ukoll l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 jikkonċernaw l-organizzazzjonijiet tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni. Fil-prattika, madankollu, il-problemi ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw qabel xejn l-organizzazzjonijiet tax-xandir bit-televiżjoni, bħal fil-kawża prinċipali. Huwa għalhekk li jien stess nirreferi prinċiparjament għal dawn l-organizzazzjonijiet f'dawn l-osservazzjonijiet. Madankollu, dawn ir-riflessjonijiet japplikaw ukoll, ftit jew wisq, għall-organizzazzjonijiet tax-xandir bir-radju.

15 — Ara, b'mod partikolari, Masouyé, C., *Guide de la Convention de Rome et de la Convention Phonogrammes*, OMPI, Genève 1981, p. 72 u 73, u von Lewinski, S., *International Copyright Law and Policy*, Oxford University Press 2008, p. 218 u 219.

stabbilit, iżda sempliċement il-possibbiltà marbuta miegħu li tara x-xandira li qed tiġi trażmessa hemm. Issa, ma jsirx ħlas għal kamra ta' lukanda sabiex fiha tkun tista' tara x-xandir bit-televiżjoni, iżda biex tgħaddi l-lejl fiha. Il-possibbiltà li tara t-televiżjoni hija sempliċement servizz supplimentari li l-klijent jistenna bħal ilma fil-vit, minibar jew konnessjoni tal-internet.

27. Dan iwassalna għat-tieni aspett fundamentali fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma fil-kuntest tal-komunikazzjoni ta' xandir tat-televiżjoni fil-kmamar ta' lukanda. Kif innotajt fil-punt 25 hawn fuq, il-fatturazzjoni li ssir għal servizzi oħra minbarra l-komunikazzjoni ta' dawn ix-xandiriet, pereżempju għal servizzi tal-ikel, ma hijiex biżżejjed sabiex tali sitwazzjoni tiġi kkunsidrata bħala li taqa' fid-dritt esklużiv previst minn din id-dispożizzjoni. L-istess japplika għall-kmamar ta' lukanda, li għalihom il-ħlas huwa inkambju għal servizz ta' akkomodazzjoni, bil-possibbiltà li eventwalment tara xandir tat-televiżjoni tkun element mhux essenzjali.

28. Jiena mhux konvint mill-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li l-preżenza ta' televiżjoni f'kamra għandha l-effett li tgħolli l-prezz tal-akkomodazzjoni ta' lejl, u konsegwentement parti minn dak il-prezz għandha tiġi kkunsidrata bħala ħlas inkambju għall-possibbiltà li tara x-xandir tat-televiżjoni. L-ewwel nett, il-possibbiltà li tara xandir bit-televiżjoni fil-kmamar jista' jtejjeb il-livell ta' lussu tal-lukanda u, għalhekk, ikollu effett fuq il-prezz tal-akkomodazzjoni ta' lejl, iżda dan ma jibdel xejn mill-fatt li dan huwa prezz globali għas-servizz ta' akkomodazzjoni, li fih il-possibbiltà li tara xandir bit-televiżjoni huwa element wieħed fost oħrajn. L-ammont tal-prezz ta' dan is-servizz jiddependi minn numru ta' fatturi u jkun, mingħajr dubju, diffiċli li tindika sa fejn l-aċċess għax-xandir bit-televiżjoni jinfluwenzah.

29. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-aċċess għas-sinjal tat-televiżjoni fil-kamra ta' lukanda huwa servizz addizzjonali meta mqabbel mas-servizz bażiku li huwa l-akkomodazzjoni, u mhux bil-kontra. Għalhekk huwa irrilevanti l-argument li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tagħmel fl-osservazzjonijiet tagħha f'din il-kawża, ibbażat fuq il-paragun bejn is-servizz ta' akkomodazzjoni f'kamra ta' lukanda u s-servizzi addizzjonali, ta' ikel pereżempju, li jingħataw fl-okkażjoni ta' spettakoli f'postijiet bħaċ-ċinemas jew swali oħra simili. Huwa evidenti li l-forniment ta' tali servizzi addizzjonali ma jeskludix l-klassifikazzjoni ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xandir f'post aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul, peress li, minbarra l-ħlas ta' dawn is-servizzi, jitħallas prezz għall-possibbiltà stess li tara l-ispettakolu, pereżempju, taħt il-forma ta' biljett taċ-ċinema. Madankollu, din hija sitwazzjoni totalment differenti minn dik ta' akkomodazzjoni ta' lejl f'lukanda.

30. Jiena għalhekk ma naqbilx mal-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li l-ħlas ta' akkomodazzjoni ta' lejl f'lukanda għandu natura fundamentalment differenti, mill-perspettiva tal-interpretazzjoni tar-regoli inkwistjoni, minn dik, pereżempju, tal-ħlas ta' servizzi ta' ikel. Is-sid ta' kafè jew ta' ristorant mgħammar b'televiżjoni jista' wkoll jgħolli l-prezz tas-servizzi tiegħu minħabba f'hekk, l-iktar waqt ix-xandir li jinteressa b'mod partikolari lill-pubbliku, bħax-xandir sportiv. U nfakkar li ħafna drabi ma huwiex possibbli li tpoġġi bil-qegħda f'tali stabbiliment mingħajr ma tordna ikel jew xorb offrut minnu. Madankollu dan ma jfissirx li l-prezz ta' birra jista', pereżempju, jiġi kkunsidrat bħala ħlas magħmul sabiex tara dan ix-xandir u l-istabbiliment bħala post aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul skont l-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Il-ħlas ta' servizz ta' akkomodazzjoni ta' lejl f'lukanda huwa eżattament l-istess.

31. Barra minn hekk, ħafna drabi tmur f'kafè jew ristorant proprjament sabiex hemm tara xandira tat-televiżjoni, bl-ikel jew ix-xorb ikun biss inċidentali, filwaqt li kamra ta' lukanda rarament tinkera biex fiha tara t-televiżjoni. Kuntrarjament għad-dikjarazzjonijiet li saru mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, is-servizz li jagħti l-possibbiltà li tirċievi sinjal tat-televiżjoni f'kamra ta' lukanda lanqas għandu fih innifsu natura ekonomika awtonoma.

32. Fil-qosor, nikkunsidra li, bħall-istabbilimenti tal-ikel u postijiet oħra li jistgħu jkunu mgħammra b'settijiet tat-televiżjoni iżda li fihom l-eventwali ħlas ma jsirx minħabba l-possibbiltà li fihom tara xandiriet tat-televiżjoni, iżda għaliex fihom jingħataw servizzi oħra, il-kmamar ta' lukanda ma humiex postijiet aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul skont l-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma b'tali mod li l-komunikazzjoni f'dawn il-kmamar ta' xandir ta' organizzazzjonijiet tax-xandir ma taqax fid-dritt esklużiv tal-imsemmija organizzazzjonijiet protett mid-dispożizzjoni hawn fuq imsemmija.

33. Peress li, billi adotta l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 92/100 [li sar l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115], il-leġiżlatur tal-Unjoni ma riedx jestendi din il-protezzjoni lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni previst fil-Konvenzjoni ta' Ruma, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata, fid-dawl ta' din il-konvenzjoni, fis-sens li l-kunċett użat fiha ta' post aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' ħlas ta' miżata għad-dħul ma jinkludix il-kmamar ta' lukanda.

L-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 fiċ-ċirkustanzi tekniċi u tas-suq attwali

34. Jekk nifhem tajjeb l-osservazzjonijiet tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni wkoll li l-limitazzjoni li jipprovdi l-Artikolu 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma għall-portata tal-protezzjoni tad-dritt li għandhom l-organizzazzjonijiet tax-xandir li jiddeċiedu dwar il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandir tagħhom kienet riżultat taċ-ċirkustanzi tekniċi u tas-suq li kienu jeżistu fil-mument tal-adozzjoni ta' din il-konvenzjoni, u li llum inbidlu radikalment. Hija tirrileva b'mod partikolari li dak iż-żmien kien iktar rari li persuna jkollha televiżjoni d-dar u li anki l-kmamar ta' lukanda kienu kważi kollha mingħajr televiżjoni. Fl-opinjoni tagħha dan jispjega dak li fil-passat kienet prassi komuni li jiġu organizzati spettakoli pubbliċi, aċċessibbli bi ħlas, ta' xandir tat-televiżjoni, li konsegwentement iġġustifika l-introduzzjoni fil-Konvenzjoni ta' Ruma tal-imsemmi dritt tal-organizzazzjonijiet tax-xandir, li sar biex ikopri preċiżament din ir-realtà. Madankollu, illum, fid-dawl tal-bidla għal din ir-realtà, il-livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati li d-Direttiva għandha l-għan li tagħti, skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tirrikjedi interpretazzjoni differenti tal-Artikolu 8(3) ta' din id-direttiva.

35. Dan l-argument għandu jiġi kkunsidrat. Jiena naqbel ukoll ma' interpretazzjoni dinamika tad-dispożizzjonijiet legali, li kapaċi tadatta l-kliem tagħhom għal ċirkustanzi li fir-realtà jinbidlu u, għalhekk, li tkun tista' tilħaq l-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet [16]. Madankollu, jiena ma nikkunsidrax li dan huwa meħtieġ jew possibbli f'din il-kawża, u dan għal żewġ raġunijiet.

36. Fl-ewwel lok, ma jidhirlix li, anki jekk immudellat fuq dispożizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma, iffirmata fl-1961, l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 għadda żmienu daqstant, kif tissuġġerixxi r-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Huwa veru li l-fatt li s-settijiet tat-televiżjoni fid-djar privati nfirxu bidel il-mod ta' kif issegwi t-televiżjoni. Madankollu x-xandir pubbliku ta' xandiriet tat-televiżjoni ma spiċċax. B'mod partikolari, ix-xandir ta' avvenimenti sportivi huwa spiss aċċessibbli għall-pubbliku f'kull tip ta' "fan zones", ċinemas, ċinemas fl-apert, eċċ. Ħafna drabi jkun hemm miżata għal dan ix-xandir u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt protett bl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115.

37. Fit-tieni lok, l-interpretazzjoni dinamika tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi hija ġġustifikata biss jekk jiġi kkunsidrat l-għan li l-leġiżlatur ried li jintlaħaq meta stabbilixxa dawn id-dispożizzjonijiet u jekk tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq dan l-għan fir-rigward tal-bdil taċ-ċirkustanzi fattwali, mingħajr ma dan jiġi ssostitwit b'għan ieħor. Minn din il-perspettiva, ma jkunx iġġustifikat li jiġi kkunsidrat li, peress li l-firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Ruma ma ridux jeskludu s-settijiet tat-televiżjoni installati

16 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Vereniging Openbare Bibliotheken (C-174/15, EU:C:2016:459).

fil-kmamar ta' lukanda mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt esklużiv li minnu jibbenefikaw l-organizzazzjonijiet tax-xandir, għaliex f'dak iż-żmien dawn il-kmamar ma kienx ikun fihom dawn is-settijiet, illum jeħtieġ li din il-konvenzjoni tiġi interpretata b'mod li tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt is-settijiet tat-televiżjoni fil-kmamar ta' lukanda.

38. Għall-kuntrarju, għalkemm il-firmatarji tal-Konvenzjoni ma kkunsidrawx is-settijiet tat-televiżjoni fil-kmamar ta' lukanda, fl-istess ħin kellhom l-intenzjoni li jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt esklużiv istanzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xandir f'postijiet bħal stabbilimenti tal-ikel, fejn ma jkunx hemm ħlas speċifiku għax-xandir ta' tali xandiriet; u l-każ ta' kmamar ta' lukanda huwa simili għal dak tal-istabbilimenti tal-ikel [17]. Għalhekk, interpretazzjoni dinamika tirrikjedi preċiżament li jiġu eskluži wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt esklużiv il-kmamar ta' lukanda, skont l-għan tal-firmatarji tal-Konvenzjoni.

39. Għalhekk jiena ma nikkunsidrax li l-bidla fiċ-ċirkustanzi fattwali li seħħet mid-data tal-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Ruma 'l hawn tiġġustifika li d-Direttiva 2006/115 tiġi interpretata b'mod radikalment differenti mill-għanijiet u l-volontà tal-firmatarji ta' din il-konvenzjoni.

L-argumenti l-oħra tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali

40. Fl-osservazzjonijiet tagħha f'din il-kawża, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tqajjem ukoll argument ta' natura ekonomika. Fl-opinjoni tagħha, l-operaturi ta' lukanda għandhom profitt ekonomiku mill-fatt li joffru l-aċċess għax-xandir tat-televiżjoni fil-kmamar tagħhom (il-preżenza tas-settijiet tat-televiżjoni tgħolli l-livell ta' kumdità tal-lukanda u, għalhekk, il-prezz tal-akkomodazzjoni ta' lejl), li ma jkunx possibbli li kieku ma jingħatawx is-servizzi mogħtija mill-organizzazzjonijiet tax-xandir; madankollu dawn l-organizzazzjonijiet ma jieħdux parti minn dawn il-profitti.

41. Fir-rigward ta' dan l-argument, fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat li, li kieku s-servizzi fornuti mill-organizzazzjonijiet tax-xandir ma jeżistux, fir-realtà ma jkunx hemm la offerta u lanqas domanda għal dawn is-servizzi, inkluż fil-kmamar ta' lukanda. Din il-konstatazzjoni hija evidenti u tapplika bl-istess mod għas-servizzi kollha fornuti f'lukanda.

42. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-profitti ekonomiċi, għandu jitfakkar li l-maġġoranza tax-xandir tat-televiżjoni huwa 'free-to-air', jiġifieri l-organizzazzjoni tax-xandir ma tieħu l-ebda ħlas inkambju għal li tirċievi x-xandir. Għall-kuntrarju hija għandha dħul finanzjarju mir-reklami u minn komunikazzjoni oħra kummerċjali (jew, fil-każ ta' organizzazzjonijiet pubbliċi, minn sussidji differenti), il-prezz ta' liema (jiġifieri l-prezz tal-ħin tax-xandir li l-organizzazzjoni tax-xandir titlob lil min jagħmel ir-reklam) jiddependi b'mod partikolari fuq in-numru ta' spettaturi mistenni. Iż-żieda potenzjali tan-numru ta' spettaturi li tirriżulta mill-fatt li x-xandir tal-organizzazzjoni tax-xandir jista' jiġi riċevut ukoll fil-kmamar ta' lukanda għandha għalhekk influwenza pożittiva, għalkemm żgħira fil-prattika, fuq id-dħul tal-organizzazzjoni tax-xandir. Għalhekk ma jistax jiġi kkonstatat li l-organizzazzjonijiet tax-xandir ma jieħdu xejn mill-profitti ekonomiċi bbażati fuq il-possibbiltà li jkun hemm aċċess għax-xandir tat-televiżjoni fil-kmamar tal-lukanda [18].

43. Finalment, fir-rigward tal-effett li l-preżenza ta' settijiet tat-televiżjoni fil-kmamar għandha fuq il-livell tal-lukanda, aspett li fuqu insistiet ħafna r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għandu jiġi rrilevat li dan is-servizz illum infirex tant li ma għadux jinstab biss fil-lukandi ta' kategorija superjuri. Fi kliem ieħor, l-offerta ta' aċċess għax-xandir tat-televiżjoni fil-kmamar hija kundizzjoni prattikament indispensabbli sabiex tiġġestixxi lukanda ta' kategorija medja jew superjuri.

17 — Ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 — Dan ma japplikax fil-każ ta' organizzazzjonijiet tax-xandir bi ħlas, li madankollu għandhom il-possibbiltà li jiddeċiedu ma' min u f'liema kundizzjonijiet jikkonkludu kuntratti relatati max-xandir tax-xandiriet tagħhom. Huma għalhekk jistgħu ma jagħmluhomx aċċesibbli għal-lukandi jew jagħmluhom aċċessibbli bi ħlas ta' prezz li jkun jissodisfahom.

44. Madankollu, l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 ma jagħtix biss lill-organizzazzjonijiet tax-xandir dritt għal ħlas, bħal dak previst pereżempju mill-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva, iżda wkoll dritt esklużiv li jipprojbixxu jew jawtorizzaw il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandir tagħhom. Dan ifisser li l-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom id-dritt li jopponu li persuna partikolari tikkomunika lill-pubbliku x-xandir tagħhom. Konstatazzjoni li dan id-dritt jinkludi wkoll fil-kamp tal-applikazzjoni tiegħu l-aċċess għax-xandir fil-kmamar tfisser li l-organizzazzjonijiet tax-xandir jingħataw il-possibbiltà jiddeċiedu jekk persuna tistax tagħti servizzi fil-lukanda. Minkejja li l-firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Ruma riedu effettivament jippermettu lill-organizzazzjonijiet tax-xandir il-possibbiltà li jipprojbixxu l-organizzazzjoni ta' spettakoli pubbliċi bi ħlas tax-xandiriet tagħhom, żgur li ma kellhomx l-intenzjoni li jagħtuhom id-dritt jiddeċiedu dwar il-possibbiltà jekk persuni oħra jistgħux jeżerċitaw tipi oħra ta' attività li fihom ix-xandir tat-televiżjoni huwa biss inċidentali[19]. L-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni proposta mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija għalhekk b'mod ċar kuntrarja għall-għanijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma, u għalhekk ukoll kuntrarja għall-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

45. Finalment, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni li d-dritt tal-organizzazzjonijiet tax-xandir li jiddeċiedu jekk ix-xandir tagħhom jiġix ikkomunikat lill-pubbliku jew le għandu jingħata l-istess protezzjoni bħal dik mogħtija lil persuni oħra li jibbenefikaw mill-protezzjoni tad-dritt tal-awtur abbażi tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29 fir-rigward tal-komunikazzjoni lill-pubbliku. Fl-opinjoni tiegħi dan l-argument ma huwiex rilevanti.

46. Kuntrarjament għad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ma hemmx inkonsistenza fil-fatt li l-istess forma ta' użu tkun suġġetta għal regoli differenti skont jekk tkunx tirrigwarda xandir ta' organizzazzjonijiet tax-xandir jew suġġetti oħra protetti bid-dritt tal-awtur. Din id-differenza tirriżulta mir-regoli stess li japplikaw għal dawn is-suġġetti ta' protezzjoni differenti. Kif jirrilevaw b'mod korrett il-partijiet l-oħra f'din il-kawża, ix-xandir tal-organizzazzjonijiet tax-xandir, peress li jaqgħu taħt il-protezzjoni tad-drittijiet relatati, huma suġġetti biss, fil-kuntest tal-komunikazzjoni lill-pubbliku, u kuntrarjament għax-xogħlijiet li jibbenefikaw mill-protezzjoni sħiħa tad-dritt tal-awtur, għal protezzjoni li hija limitata fil-każ ta' komunikazzjoni f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul. Għalhekk xejn ma jindika li l-livell ta' protezzjoni tad-dritt tal-organizzazzjonijiet tax-xandir għandu jiġi assimilat, fir-rigward tal-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandir tagħhom, għal-livell ta' protezzjoni applikabbli għal elementi oħra protetti bid-dritt tal-awtur.

47. Għalhekk, l-analiżi tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115 tista' tinġabar fil-qosor illi la l-ġenesi u lanqas l-għan ta' din id-direttiva, u lanqas xi aspett ieħor, ma jimmilitaw favur interpretazzjoni sabiex il-kmamar ta' lukanda jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul.

Konklużjoni

48. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti r-risposta segwenti għad-domanda preliminari magħmula mill-Handelsgericht Wien (qorti kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija):

L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-installazzjoni ta' settijiet tat-televiżjoni fi kmamar ta' lukanda u t-tqegħid għad-dispożizzjoni permezz tagħhom ta' sinjal

19 — Fil-każ fejn, bħal fil-kawża prinċipali, id-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir huma eżerċitati minn organizzazzjoni ta' ġestjoni kollettiva, b'mod ġenerali l-għan ikun li jinkiseb ħlas minħabba l-komunikazzjoni lill-pubbliku. Xorta jibqa' l-fatt, madankollu, formalment, l-organizzazzjonijiet tax-xandir jistgħu jipprojbixxu tali xandir, li barra minn hekk huwa l-għan li għalih ġiet stabbilita din id-dispożizzjoni (ara l-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet u d-duttrina ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15).

tat-televiżjoni jew tar-radju ma tikkostitwixxix komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xandir ta' organizzazzjonijiet tax-xandir tat-televiżjoni f'post aċċessibbli għall-pubbliku fuq ħlas ta' miżata għad-dħul fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.